# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 371/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Josef Sammut**

Illum 30 ta' Lulju, 2020

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Josef Sammut detentur tal-karta tal-identita' numru (ID 169781(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar id-19 ta' Marzu 2016 għall-ħabta ta' bejn is-14.00 u 17.30 fil-gżejjer Maltin ħebb għal Francesco Sammut u kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq l-imsemmija persuna, hekk kif ċċertifika Dr Mario Cilia;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-28 ta' Ġunju, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal xahrejn priġunerija sospiżi għal sentejn taħt superviżjoni ai termini tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 u kif ukoll ordni ta' protezzjoni a favur ta' Francesco Sammut għal sentejn ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Sammut, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Lulju, 2016 li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza appellata u tilliberah minn kull ħtija u piena u b'mod <u>sussidjarju</u> f'kaz li tagħżel li tikkonferma l-ħtija, **tirriformaha** billi tinfliġġi piena aktar mita u idonea;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma msawra dwar l-allegazzjoni li l-imputat bhala missier, refa idejh fuq ibnu minuri, kawza ta' liema ssubixxa offiza ta' natura hafifa konsistenti fi tbengil fuq widintu l-leminija u fuq haddejh. L-appellant jillanja s-sentenza li biha nstab hati u dan bi gravam dwar interpretazzjoni zbaljata tal-provi mressqa u b'aggravju sussidjarju dwar il-piena erogata. Dwar l-ewwel aggravju l-appellant iressaq diversi argumenti ghaliex l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fuq il-provi mressqa u dawn ser ikunu trattati *seriatim*;

2. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, din il-Qorti hi fid dover tosserva li minkejja li l-kaz jiprospetta tbghatija u stress qawwi fuq il-partijiet kollha, id-deposizzjoni tax-xhieda ma kienitx registrata mill-ewwel Qorti bil-konsegwenzi li dan in-nuqqas igib mieghu. Fost dawn hemm it-trauma li minuri ta' ghaxar snin kellu jixhed darbtejn fil-konfront ta' missieru meta din il-Qorti setghet taghmel referenza sia ghat-traskrizzjonijiet tad-deposizzjonijiet kif ukoll ghall-video recording tad-deposizzjoni tal-minuri li kieku l-ewwel Qorti anticipat dan kollu. Konsegwentement ukoll, issa, din il-Qorti ssib ruhhaa f'qaghda li fil-verita' u kif intqal diversi drabi dan ser ikun gudizzju ekwiparabbli ghall-dak tal-prim istanza u mhux wiehed li jara, kif ghandu jkun, jekk l-ewwel Qorti setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha skond il-provi mressqa;

3. Il-Qorti ghalhekk ghal darb'ohra terga' ttenni l-hsieb taghha li l-provi f'kull kawza quddiem il-Qrati tal-Magistrati ghandhom ikunu debitament registrati u prezervati b'dan illi jekk u appena jkun intavolat appell issir it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet relattivi. B'hekk ikun skansat mhux biss xenarju bhal dak odjern izda ukoll evitat telf ta' hin u din il-Qorti, f'kazijiet bhal dawn, tkun tista' tezercita l-funzjoni taghha proprja ta' Qorti revizorja bl-atti gia kompilati minghajr ma jkun hemm dak il-possibbli ntralc konsistenti f'allegati bdil ta' verzjonijiet bejn qorti u ohra minghajr il-possibilita' li jkun hemm kontroll in rigward;

4. Ventilat dan, jokkorri issa li jkunu sintetizzati l-provi akkwiziti quddiem din il-Qorti. L-ewwel li hadet il-pedana tax-xhud kienet mart l-imputat li qalet li ilhom ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni ghal dawn l-ahhar sitt snin u minn din ir-relazzjoni hemm wild. Fid-data tal-incident, binha kien qieghed ghand missieru l-imputat skond digriet li jistabilixxi l-access u

dakinhar qal lill-ommu li missieru kien tah daqqa fuq il-lemin ta' wiccu wara li kienu ggieldu u irrabja mieghu u li ma riedx imur aktar ghand missieru. Ghall-bidu ma tatx kaz ghaliex it-tifel kien qieghed fuq l-antibiotici minhabba grizmejh u li widnejh kienu fjammati. Minkejja li t-tifel qal hekk, hi ma rat xejn ta' barra minn hawn u ghaddietha mal-ohrajn. L-ghada filghodu, izda, innutat li widnejh u wiccu kienu saru vjola u kien migugh u ghalhekk hadet lil binha il-poliklinika u ghamlet rapport lill-Pulizija ghaliex ma setghax ikun li t-tifel kull darba jigi lura b'gidma, daqqa jew haga ohra;

5. Ix-xhud ghamlet referenza ghall-hames ritratti li hadet hi stess u li kienet esebiet quddiem l-ewwel Qorti li juru il-widna l-leminija tat-tifel. Dawn ser ikunu diskussi aktar 'l quddiem. Appena gie lura mill-access tal-missier, li kien fil-jum tas-Sibt u li huwa bejn is-saghtejn u l-hamsa ta' wara nofsinhar, binha rrakontalha li dak inhar missieru mar jorqod, baqa' rieqed u binha mar iqajjmu biex jilghab mieghu jew jiehdu lura d-dar ghand ommu, qam ghalih u tah xi daqqiet u l-ghada spjegalha f'aktar dettall. Ix-xhud wiegbet fin-negattiv ghall-mistoqsija jekk binha qattx gie lura mill-iskola b'xi daqqiet u li kien l-imputat li gibdilha l-attenzjoni dwarhom. Cahdet ukoll li l-imputat kemm il-darba qalilha li t-tifel kien wegga l-iskola ghaliex refghu idejhom fuq tfal ohra;

6. Ix-xhud ziedet tghid li wara dan l-incident, l-imputat ghamel sena ma jmurx jara lit-tifel u li ma kienx minnu, kif suggerit lilha in kontro-ezami, li kienet hi li nsistiet mal-imputat biex jiehu t-tifel waqt l-access. Dak li ghamlet kien li spjegat lill-binha li missieru dejjem huwa missieru u li jekk jigi biex jiehdu riedet tkun taf fejn ser ikun;

7. Il-Qorti semghet ukoll lit-tifel minuri li spjega li kien id-19 ta' Marzu tal-2016 li huwa l-jum ta' eghluq snin missieru u minflok ma marru jieklu jew jilaghbu l-futbol jew il-bandli, hadu d-dar, dawwarlu film u missieru raqad ghaliex kellu party filghaxija. Wara li spicca l-film ghajja joqghod jiccassa u jilghab wahdu u beda jqajjem lill-missieru biex jiehdu lura ghand ommu izda qabel ma hadu lura, qabdu, ghollieh minn taht dirghajh, sabbtu mal-gwardarobba, zammu b'id wahda u bl-ohra beda jtih daqqiet fuq widnejh il-leminija, tah madwar hames daqqiet fuq widnejh u wahda fuq hugbejh;

8. Meta mar lura d-dar, it-tifel qal lill-ommu li kienet qed tugaw widnejh. Dakinhar kellu widnejh u grizmejh jugawh [minn qabel] izda meta avza lill-ommu li widnejh kienet qed tugaw hafna hasbet li dan kien dovut ghall-fatt li gia ma kienx jiflah. L-ghada ommu nnutat li widnejh kienet kollha vjola u bit-tikek homor: "*Umbaghad l-ghada, kien Hadd il-Palm, u l-mami haslitni u meta haslitni u kienet lesta bdiet tixxuttani u meta xxuttatli widnejja rat widnejja kollha vjola u hawhekk bit-tikek homor*"; Ghalhekk "*Umbaghad ahna morna l-polyclinic tar-Rabat, kien maghluq, ma kienx mghaluq, ghax ma kienx hemm tabib, umbaghad morna l-polyclinic tal-Mosta u t-tabib jghid lil mami biex ma titkellimx biex jaghmilli d-domandi hu, umbaghad beda jiccekkjali widnejja beda jirrabja.... Umbaghad it-tabib tana karta u morna nghamlu rapport";*

9. Mistoqsi jekk forsi gieli kien involut f'xi glied ma' tfal ohra tal-iskola vicin il-birthday ta' missieru wiegeb li qatt ma gie fl-idejn jew issawwat: "*Le ma ggilidniex, mhux li niggieldu bil-ponn per ezempju. Niggieldu ma nilghabux flimkien per ezempju*". Mistoqsi meta qal lill-ommu dwar dan l-incident wiegeb hekk: "*Immagina llum tahieli, illum u ghada ghidtilha. Dakinhar u l-ghada jigifieri*". Mistoqsi mill-Qorti jekk qalx xi haga lill-missieru waqt li qed jaqla' dawn id-daqqiet wiegeb "*Ehe ghidtlu li ma jibqax jaghtini w hekk*"

izda imbaghad kompla hekk: *"Ftakart xi haga". "Li imbaghad ma baqax jigi ghal erba' xhur jew sitt xhur dik is-sena hames darbiet gie".* Skond it-tifel, missieru ma baqax imur ghalih ghaliex beza', u wara dan iz-zmien missieru ried jerga' jarah u ghalhekk rega mar mieghu izda mhux id-dar biex jara xi film ghaliex allura kien ahjar li jibqa' ghand ommu jilghab bit-toys tieghu jew mal-kugini. Jekk imur id-dar tieghu, missieru ma kienx johorgu, jibqa' rieqed, jghajjru li hiereg ghal xi party filghaxija u li sejjer jiekol meta hu joqghod jiccassa waqt li missieru rieqed;

10. Ghall-ewwel li rega' beda jmur ma' missieru kien jibza' xi ftit izda wara xi zmien ma baqax jibza' ghax cert li missieru mhux ser jaghtih aktar daqqiet;

11. L-ahhar xhud f'dawn il-proceduri kien l-appellant li spjega li dak in-nhar li gabar lit-tifel kienet gurnata normali, hadu jiekol barra u bhas-soltu hadu l-*playing room* u minn hemm lura ghal ghand ommu. L-ghada cemplulu l-Pulizija u allegaw li kien sawwat lit-tifel. Lill-ommu kien gia wissiha li kien hemm tifel iehor qed isawtu l-iskola izda qatt ma tat kaz ghaliex bejn il-konjugi hemm piki kbar. Ix-xhud wiegeb kategorikament li dak li ibnu qal ma kienx minnu. Jghid li hu lemini u li ma jistax ikun li jaqbad lill-ibnu, izommu in arja u jtih id-daqqiet jew li jaqbad itih ghax mar iqajjmu. Jghid li la dakinhar u lanqas l-ghada ma ircieva telefonata minghand omm it tifel u sar jaf b'dan kollu ghaliex cemplulu il-Pulizija;

12. L-appellant jghid li ghamel bejn erba' u hames xhur ma jmurx ghat-tifel peress li kien qed jigdeb fuqu minkejja li ommu kienet il-hin kollu tibghatlu messaggi biex imur ghalih u tghaddi messaggi bejn l-avukat taghha u l-avukat tieghu biex jaccedi ghat-tifel. Ix-xhud allega li t-tifel hu kondizzjonat minn ommu b'mod li jrid jobdiha bilfors u "*jekk ma tghidx hekk jigrilek hekk*". Dak in-

nhar tal-allegat swat, li kien is-Sibt, missieru ma nnota ebda tbengil fuq widnet it-tifel u lanqas ilmenta minn xi ugiegh. Qallu li hemm tifel li gieli jsawtu izda joqghod ftit lura ghaliex jisthi li xi hadd jerfa' idejh fuqu. Dak in-nhar, izda kienet, harga normali u t-tifel qed jigdeb ghaliex imgieghel jigdeb;

13. Maghmula din is-sintesi tad-deposizzjonijiet, jokkorri issa li jkunu konsiderati r-ragunijiet mressqa mill-appellant in sostenn tal-aggravju tieghu li s-sentenza appellata ma tistax titqies bhala '*a safe and satisfactory conclusion*'. Il-Qorti thoss li jkun opportun li dawn ir-ragunijiet jkunu riprodotti la darba jirreferu ghad-divergenza fil-verzjonijiet tax-xhieda:

*i. Illi l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha zewg verzjonijiet kunfliggenti ghall-ahhar ta' kif graw l-avventimenti li waslu ghal dan il-kaz;*

*ii. Illi l-appellanti jichad katergorikament u bil-qawwa kollha illi huwa la fid-data tal-allegat incident jew f'xi data ohra qatt ma aggredixxa lill-ibnu l-minuri;*

*iii. Illi huwa jhobb lil ibnu l-minuri u m'ghandu xejn hliefu. Huwa lil ibnu, li huwa demmu stess, jiehu hsiebu u jara li ma jkun jonqsu xejn;*

*iv. Illi madanakollu, is-separazzjoni minn ma' martu fissret li ftit ftit, iben l-appellanti beda jiddistakka ruhu minnu u beda jara lill-missieru f'dawl hazin hafna;*

*v. Illi l-appellanti jissuspetta illi l-minuri qed jigi indottrinat kontra missieru u din l-indottrinazzjoni sistematika ilha ghaddejja zmien twil;*

*vi. Illi l-appellant jistqarr illi kif sema' lill-minuri jixhed waqt dawn il-proceduri huwa hassu xxukkjat. Tisma' lil ibnek stess jirrakkonta storja ta' aggressjoni illi ma gratx hija wahda mill-aghar esperjenzi li jista' jghaddi minnhom missier;*

*vii. Illi ghal widna li forsi mhux imdorrija tisma' kazijiet hekk f'dawn il-Qrati, ix-xhieda tal-minuri kienet wahda illi tidher li tikkonferma fit-totalita' taghha l-akkuza diretta lejn l-appellanti;*

*viii. Illi izda meta wiehed jixtarr kif xehed il-minuri, id-dettal li dahal fih f'certu aspetti, il-mod kif irrakonta kif grat l-istorja lill-Magistrat Sedenti, imqabbel ma' mumenti fejn fuq dettalji li ma jiffurmawx parti minn din l-'istorja' huwa ftakar ftit, jew ftit li xejn, l-appellanti jissottometti illi l-minuri ma kienx qed jixhed il-verita, izda kien qed jirrakkonta storja li qallu biex jghid haddiehor;*

*ix. Illi dan mhux ser ikun l-ewwel jew l-ahhar kaz fejn minuri jixhed il-falz fil-Qorti. U dan certament mhux htija tal-minuri. Hija disgrazzja kbira li tfal jizzefnu fin-nofs fi proceduri ta' separazzjoni;*

*x. Illi l-appellanti tant ghadu ixxokkjat b'li sema' illi ghadu sal prezentata ta' dan l-appell ma marx jara l-minuri;*

*xi. Illi qisu dan mhux bizzejjed, omm il-minuri, wara sentenza bhal din qed iccempel lill-appellanti biex jigi jiehu t-tifel. U hawn l-appellanti jistaqsi, huwa normali li omm tifel minuri li allegatament gie msawwat b'dan il-mod minn missieru, li kontra missieru inharget ordni ta' protezzjoni, tirsisti daqshekk biex l-appellanti jerga' jibda jara lil ibnu;*

*xii. Illi l-appellanti qalbu maqsuma b'li gara. Tant li bil-kemm ried jappella ghax ma jiflahx jesponi lil ibnu ghall-ghatba tal-Qorti;*

*xiii. Illi l-appellanti appella biss, ghax ma jixtieqx illi ibnu, ghada pitghada, jsib kawza li turi li missieru kien isawwtu;*

*xiv. Illi l-appellanti ghaldaqstant qed jappella mis-sejbien tal-htija kontra akkuza daqstant kiefra li huwa sawwat lil ibnu, meta dan assolutament m'huwiex minnu;*

*xv. Illi din is-sejbien ta' htija hija biss frott pjan malinn ta' terzi li jghaddu lill-appellanti minn dawn il-proceduri u dan kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

14. Illi kif inhu minnufih evidenti, dawn huma r-ragunijiet, skond l-appellant, ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex temmen il-verzjon tal-minuri. L-ewwel Qorti, u issa din il-Qorti la darba semghet ix-xhieda ghall-ewwel darba ghar-ragunijiet moghtija *supra*, ghalhekk kellha tara, fid-diskrezzjoni taghha, liema wahda mill-verzjonijiet kellha temmen. Il-konflitt ma jwassalx b'mod awtomatiku ghall-liberazzjoni tal-imputat u jispetta lill-Qorti tara liema mill-verzjonijiet hi l-aktar kredibbli bl-ghajnuna tar-regoli tal-buon sens u l-indizzji l-ohra li huma registrati in atti.

15. Gia fl-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali insibu li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt kien ippruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif kostantement ritenut mill-Qrati taghna, il-gudikant jista' jemmen lil xhud f'kollox, jew parti biss jew f'ebda parti mid-deposizzjoni u jista' jemmen xhud f'parti u mhux f'parti ohra;

16. Il-Qorti regghet rat id-deposizzjoni tal-minuri ghal-diversi drabi fl-isfond tar-ragunament mressaq mill-appellant ghaliex dan il-kaz hu tassew ta' piz fuq il-gudikant anke minhabba r-riperkussjonijiet inevitabbli tal-ezitu. Il-minuri ma mmolla xejn

mill-verzjoni li ta quddiem din il-Qorti u jidher li kien sew a konoxxenza tad-dover tieghu li jghid il-verita'. Huwa evidenti li kien hemm xi ammont ta' *coaching* fil-mod kif xehed u dan huwa manifest minn dawk is-siltiet riprodotti *verbatim* minn din il-Qorti fis-sintesi tad-deposizzjoni tieghu li huma kwazi identici ma' dawk l-istanzi li xehedet dwarhom l-omm. L-aktar li tispikka din il-kwistjoni hi meta l-minuri, waqt li qed jitkellem fuq fatt jghid li jiftakar li wara l-incident missieru dam erba' xhur biex jerga jarah. Ukoll osservat din il-Qorti li l-minuri rrepeta *verbatim* dak li qalet ommu li wara li marru l-polyclinic tar-Rabat ma sabu hadd, " *kien mghaluq, mhux kien mghaluq, ma kienx hemm tabib*" marru dik tal-Mosta u t-tabib ma halliex lill-ommu tidhol biex tezaminah. Dettall dan li apparti li hu identiku ghal dak li xehedet l-omm huwa xi ftit jew wisq suspettuz;

17. Din il-Qorti mhix ser tenoltra f'elenku ta' okkazzjonijiet fejn id-deposizzjoni tal-minuri tixbah hafna dik tal-omm b'dettalji li mhux mistennija minn minuri li jsib ruhu quddiem il-formalita' kollha li tippresta kawza il-Qorti anke jekk id-deposizzjoni ttiehdet permezz tal-*video conferencing*. Dan mhux qed jinghad sabiex b'xi mod jkun intiz li l-minuri mhux qed jghid il-verita' jew biex jintefa xi dell ikrah fuqu, izda sabiex jkun senjalat li hemm elementi fid-deposizzjoni tieghu li jlissnu dubju li l-fatti graw kif graw. Ezempju ta' dan hu meta jirrakonta li missieru zammu mgholli mal-gwardarobba b'id wahda u bl-ohra beda jtih fuq widnejh. Haga din li kienet thalli tifel ta' ghaxar snin mhux biss imwerwer u mbikkem izda sahansitra soggett ta' offizi ferm aktar gravi minn dawk minnu subiti. Tajjeb li jkun osservat ukoll illi l-minuri xehed l-ewwel darba quddiem l-ewwel Qorti fit-28 ta' Gunju, 2016 meta kellu tmien snin u t-tieni darba quddiem din il-Qorti sentejn wara f'Lulju 2018 meta allura kellu ghaxar snin.

18. Il-Qorti, izda, hi konvinta li dan kien incident ta' korrezzjoni ta' minorenni barra mill-qies, li certament ma ghandu qatt ikun u huwa severament deplorevoli, meta l-minuri mar iqajjem lil missieru u dan tah daqqa fil-genb ta' wiccu bil-konsegwenza li ghamillu offiza ta' natura hafifa fuq widnejh u hugbejh, izda zgur mhux bil-mod vjolenti kif ulterjorment rakkontat mill-minuri. Il-Qorti hi konfortata mill-fatt illi fid-deposizzjoni tieghu l-imputat jghid li dakinhar ma hax lill-ibnu d-dar izda marru jieklu u jilghabu minghajr ma ressaq l-icken prova ta' dak minnu allegat bhall isem tar-restaurant jew possibilment xi ricevuta jew forma ta' hlas jew hinijiet biex jikkorrobora l-verzjoni tieghu.

19. Illi ghal dawn il-motivi, l-ewwel aggravju qed ikun michud;

20. L-appellant jillanja s-sentenza appellata ukoll mill-aspett tal-piena erogata mill-ewwel Qorti kompriz l-ordni ta' protezzjoni mahruga kontra tieghu bil-konsegwenza li hu projbit milli jara lil ibnu. Jilmenta ukoll illi sentenza sospiza ta' habs b'ordni ta' supervizjoni fuq persuna illi qatt ma kien akkuzat b'reati simili ma ghandha ebda skop;

21. Il-Qorti hasbet ukoll fit-tul dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti b'mod partikolari fl-isfond tal-kunsiderazzjonijiet maghmula *supra* dwar l-entita' tal-offiza u tal-kontorn zejjed fid-deposizzjoni tal-minuri. Bl-ebda mod din il-Qorti qeghda tnaqqas mis-severita' tal-kwistjoni izda fl-istess waqt trid tkun certa li fil-kalibrazzjoni tal-piena, ghad li din hija fid-diskrezzjoni totali tal-ewwel Qorti dment li tkun fil-paramentri tal-ligi, jkun hemm konsiderazzjoni dwar l-effetti taghha fir-relazzjoni bejn l-appellant u ibnu kif ukoll li sservi ta' mizura ta' sigurta ghall-protezzjoni tal-istess iben. Meta l-ewwel Qorti erogat il-piena u s-sanzjoni lamentata certament ghamlet hekk fl-ahjar interess tal-parti l-aktar vulnerabbli izda kif irrizulta lill-din il-Qorti, kien hemm cirkostanzi

li juru li mhux mehtieg li tkun mposta sanzjoni daqshekk drastika fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz;

22. Ghal dawn il-motivi, tiddisponi minn dan l-appell billi tichad t-talba ghar-revoka tas-sentenza izda tilqa' t-talba ghar-riforma taghha billi tikkonfermaha f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, thassarha f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' xaharejn sospizi ghall-zmien sentejn fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u soggett ghall-supervizjoni taht l-artikolu 28G tal-Kap 9 u fejn imponiet l-obbligu taht l-artikolu 412C tal-istess Kodici Kriminali u **minflok**, wara li rat il-fedina penali tieghu li tirrizulta wahda nadifa, qed tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum skond id-dispost tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.

23. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza;

24. Il-Qorti tordna ukoll id-divjet tal-publikazzjoni tal-ismijiet tal-partijiet u tax-xhieda, u dan ghall-ahjar interess tal-minuri.